MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1433/2002/1

**Avviz Numru 1433/02 AJD**
**U.C.I.M. Co. Limited**

**vs**

**Giuseppi Callus u martu Joanne Callus**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900.00) rappresentanti import ta' tnax il-kambjala, wahda ta' Lm20.00 (bilanc) u hdax ta' Lm-80.00 il-wahda debitament accettati u skaduti minn Lulju 2001 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 12).

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm34.00, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Marzu 2002 kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni prezentata mis-socjeta’ attrici fl-20 ta’ Settembru 2002 fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal Lm148.00.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mija u tminja u erbghin lira Maltin (Lm148.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Marzu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**